# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' l-20 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 232/2021**

**DOREEN CAMILLERI**
**(KI 281261M)**
***VERSUS***

**MAURICE VASSALLO ET**
**(KI 188654 M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fil-5 t' Awwissu 2021, l-attrici ippremmettiet illi permezz ta' konvenju datat 18 ta' Frar 2021 intrabtet illi tbiegh lill-konvenuti id-dar bin-numru ufficcjali 24, fi Triq Benghazi f'Ghajnsielem, Ghawdex u dan ghal prezz ta' Eur 290,000 ghall-immobbli u Eur 20,000 ghall-ghamara u mobbli esistenti f'din id-dar.

Illi b'att tan-Nutar Sean Critien tat-18 ta' Gunju 2021 kien sar il-kuntratt ta' bejgh u dakinhar tal-kuntratt kien thallas il-prezz ta' l-ghamara u mobbli filwaqt illi l-prezz ta' l-immobbli thallas biss l-ammont ta' Eur 40,000 filwaqt illi l-bilanc ta' Eur 250,000 kellu jithallas sa l-24 ta' Gunju 2021, minghajr imghax.

Illi l-konvenuti, wara l-att notarili, bdew jallegaw li kien hemm xi mobbli neqsin mill-immobbli mibjugh u bdew jirriffjutaw li jhallsu l-bilanc tal-prezz kollu kemm-il darba l-attrici ma thallasx l-ammont ta' Eur 2000 biex taghmel tajjeb ghal dan l-allegat nuqqas.

Illi l-attrici kkontestat din il-pretensjoni izda kellha thallas dan l-ammont ta' Eur 2000 stante illi kellha bzonn il-fondi, qua bilanc dovut minhabba li kellha konvenju ma terzi li kien ser jaghlaq u ghaldaqstant ghamlet il-hlas ta' Eur 2000 lill-konvenuti taht protesta u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lilha.

Illi ma kien hemm l-ebda jedd ghas-somma ta' Eur 2000 ghaliex mhux minnu li kien hemm xi affarijiet nieqsa u jekk kien hemm zgur mhux sa l-ammont jew valur pretiz minnom.

Ghaldaqstant l-attrici tablet lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' Eur 2000 jew kull somma ohra verjuri bl-imghax legali u bl-ispejjez .

Ra illi l-intimati ressqu risposta fis-7 ta' Dicembru 2021 (Fol.10) fejn fiha ecceppew illi l-attrici hallset l-ammont mitlub b'mod liberu u volontarju u ghalhekk ma tistax titlob ir-rifuzjoni tieghu. Illi l-ftehim li ghalih tirreferi l-attrici fir-raba premessa ta' l-avviz tat-talba, ma giex iffirmat minnha u ghalhekk ma jistax jinghad illi hija fil-verita rriservat id-dritt taghha li tmexxi bil-kawza ghar-rimbors u li kien hemm mobbli nieqsa tant illi l-attrici riedet tirritorna l-istess mobbli nieqsa. Illi il-valur ta' dawn il-mobbli nieqsa mhux eccessiv u gie liberament accettat mill-attrici.

Ra l-affidavits prezentati ta' Victoria Vassallo Eminyan, Maurice Vassallo u Doreen Camilleri.

Sema x-xhieda;

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri;

Ra l-atti processwali;

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi ghal kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun ghaqli li jsir riassunt tal-provi migjuba.

<u>Provi</u>

Illi permezz ta' affidavit xehdet Victoria Vassallo Eminyan illi hija wahda mill-konvenuti li stqarret illi huma kienu qed ibieghu d-dar taghhom bin-numru 284, Fleur de Lys, Birkirkara u ghaldaqstant xtaqu illi jixtru post li jkun lest bl-ghamara. Waqt li kienu qed ifittxu propjeta, huma tkellmu ma' l-attrici Doreen Camilleri ghaliex kienet ghogbitom farmhouse li kienet irreklamata bhala *fully furnished*. Ix-xhud tghid li l-iskop taghhom kien li jikru dan il-fond u ghaldaqstant xtaqu li jkun bl-ghamara lest.

Ix-xhud tghid illi waqt il-viewing, l-attrici kienet qaltilom illi qed tbiegh il-farmhouse "*kif inhi, fully furnished, u kienet ser tiehu biss, it-tumble dryer, il-gagga ta' l-ghasfur u 2 iklieb taghha u s-sodod taghhom*." Matul it-tieni viewing, il-konvenuti kienu gew infurmati illi l-washing machine kellha l-hsara u kienu ser jigu tal-bulky refuse biex tintrema. Ma' l-affarijiet li kienet semmiet qabel, l-attrici infurmat lill-konvenuti illi kienet ser tiehu senduq zghir li kien fil-kuritur t'isfel. Dan kollu kien gie accettat mill-konvenuti.

Ix-xhud tkompli tghid illi wara li sar il-kuntratt, l-attrici iltaqet mar-ragel taghha Maurice u ghaddietlu c-cwievet u dakinhar stess telghu Ghawdex biex jaraw il-farmhouse. Kif dahlu indunaw illi "*kien hemm hafna izjed affarijiet neqsin*" minn dak miftiehem minnom.

Flimkien ma' l-affidavit taghha x-xhud ipprezentat lista ta' affarijiet li instabu neqsin (Fol.21). Illi minhabba illi kienu instabu dawn l-affarijiet neqsin, ix-xhud tghid illi "*dehrilna illi minn l-ammont rimanenti, kellna naghtuha Eur 2000 inqas u fil-fatt ahna tajniha bank draft bil-bilanc rimanenti u hi tatna lura Eur 2000 minhabba dawn l-affarijiet neqsin.*" Ix-xhud tikkonferma illi l-attrici kienet talbitom illi jiffirmaw karta illi l-Eur 2000 kienu qed jithallsu minnha taht protesta.

Xehed ukoll Maurice Vassallo permezz ta' affidavit illi ikkonferma dak li qalet il-mara tieghu. Izid ighid illi wara li kienu sabu l-affarijiet nieqsa, l-konvenut kien kellem lin-nutar Patrick u Sean Critien fuq din il-kwistjoni u infmahom illi sabu 19-il oggett nieqes minn dak miftiehem. Il-konvenut ighid illi kien gie suggerit lilu min-nutar sabiex ihallsu l-bilanc ta' Eur 250,000 u wara ifittxu parir legali rigward l-oggetti

nieqsa. Il-konvenuti ma qablux ma' dan u ghaldaqstant kien gie miftiehem illi l-attrici thallas Eur 2000 taht protesta u b'riserva ghal kull azzjoni.

Ix-xhud ighid illi meta kien cempel lill-attrici u infurmaha bil-lista ta' affarijiet li kien hemm nieqsa, l-attrici wegbitu illi dawk kienu "*personal belongings*".

Fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2022, xehed in-Nutar Patrick Critien u Dr. Sean Critien. In-Nutar Patrick Critien jghid illi huwa kien hejja l-konvenju u meta kien ser isir il-kuntratt minhabba li kien ser jinzerta imsiefer, kien ghamlu t-tifel tieghu Dr. Sean Critien. Ix-xhud ighid illi meta sar il-konvenju ma kien sar l-ebda inventarju li jistabilixxi l-lista ta' ghamra u oggetti.

Dr. Sean Critien ighid illi kien ippubblika l-kuntratt tal-bejgh bejn il-partijiet. Dakinhar tal-kuntratt kellu jsir bank draft u minhabba li ma kienx hemm zmien bizzejjed, kien gie miftiehem illi dakinhar tal-kuntratt jithallas parti mill-ammont u jsir privilegg. Ix-xhud jikkonferma illi kien hemm ammont ta' Eur 20,000 marbuta ma' l-ghamra u mobbli izda ma kienx hemm inventarju.

Meta l-partijiet kellhom jiltaqghu biex jigi kancellat il-privilegg, il-kumpratur u cioe l-konvenuti kienu ilmentaw illi kien hemm affarijiet nieqsa fil-fond jew sahansitra bil-hsara. In-Nutar ighid illi kien xhud tal-firem tal-konvenuti ghall-iskrittura fejn il-konvenuti ircevew Eur 2000 bhala kumpens ghall-affarijiet li kien hemm nieqsa jew bil-hsara. Din l-iskrittura kienet giet lesta biha l-attrici wara li hadet pariri legali. L-attrici kienet mghaggla ghal flus minhabba li kellha bzonn il-flus biex tersaq fuq kuntratt iehor.

Permezz ta' affidavit xedhet l-attrici li tghid illi l-fond li bieghet lill-konvenuti kienet ir-residenza ewlenija taghha u li riedet tixtri residenza f'Malta minhabba x-xoghol. L-attrici tghid illi meta gew il-konvenuti sabiex jaraw il-propjeta hija kienet qaltilom illi l-post ried jinbiegh "*furnished, pero f'ebda hin ma dhalna biex niddiskutu u wisq inqas nelenkaw x kellu jibqa fil-propjeta. Domna ninnegozjaw xi xahrejn fuq il-prezz, billi jiena kont qed nitlob Eur 350,000 . . .*"

L-attrici tghid illi waqt il-konvenju kien gie attribbwit parti mill-prezz ghall-ghamara u "*dan sabiex la darba tassew kienet se tigi trasferita xi ghamra, li wkoll kellha valur, dak il-valur jigi specifikat sabiex ma tithallasx taxxa li ma tkunx dovuta.*"(Fol.69) Fil-gurnata tal-kuntratt, il-konvenuti ma setghux ihallsu l-prezz kollu ghaliex ma kienx ghaddew `5 ghandhom il-flus kollha li kellhom jircievu fuq il-bejgh ta' xi propjeta ohra taghhom. Minhabba li l-attrici kienet maghfusa biz-zmien ghaliex kellha taghmel kuntratt iehor, accettat li tircievi dak li setghu jghaddulha l-konvenuti, u l-bilanc jithallas fi zmien qasir. Hekk kif sar il-kuntratt, l-attrici ghaddiet ic-cwievet.

L-attrici tkompli tghid illi dakinhar illi ghaddiet ic-cwievet, kien cempillha l-konvenut irrabbjat ghaliex kien sab xi affarijiet nieqsa mill-post. Tghid illi tiftakar li kien semmilha l-kitla u l-magna tal-kafe, mejda zghira u xi siggijiet li kienu fil-gnien u televizjoni. Wara diskussjonijiet man-Nutar Sean Critien, l-attrici tghid li giet infurmata illi l-konvenuti riedu jnaqqsu Eur 2000 ghall-oggetti li semmew li kienu nieqsa.

Minhabba li l-attrici kienet maghfusa biz-zmien, accettat li tghaddi Eur 2000 ghal dawn l-oggetti neqsin taht protesta u skond ftehim data 25 ta' Gunju 2021. Dan ippermetta illi l-attrici tiehu l-bilanc tal-flus ghall-bejgh u tkun tista taghmel il-kuntratt ta' xiri taghha. L-attrici tinsisti illi l-affarijiet imsemmija mill-konvenuti li kienu nieqsa mhumiex ghamara u/jew ma kienux jiffurmaw parti mill-bejgh imwieghed lilom.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2023 xehdu in kontro ezami l-konvenuti fejn Victoria Vassallo Eminyan tghid illi qabel il-konvenju kienu marru jaraw il-propjeta xi darbtejn u li f'dawn iz-zewg laqghat ma kienet saret l-ebda diskussjoni fuq il-prezzijiet ta' l-oggetti mobbli. Il-konvenuta tinsisti illi meta kienu saqsew lill-attrici x kien jinkludi l-bejgh, din kienet wiegbet illi "*kollox minbarra dryer*". Flimkien mar-

ragel taghha kien gie deciz li jitolbu li jitnaqqas l-ammont ta' Eur 2000 mill-prezz u dan a bazi ta' ricerka li ghamlu fuq siti differenti ta' oggetti second hand. Ix-xhud tghid illi huma qatt m'ghaddew din il-lista ta' affarijiet li sabu neqsin lill-attrici. Ma hassewx li ghandom jaghmlu inventarju ghaliex "*peress li qaltlina iktar minn darba li ha tiehu just dryer, u dakinhar qaltilna li thassret il-washing machine u ha tarmiha, dehrilna li afdajniha, ma dehrilniex li ha jkun hemm dawk l-affarijiet kollha neqsin*."

Il-konvenut Maurice Vassallo jghid illi huwa kien ta struzzjonijiet lin-nutar sabiex ma jirrillaxxax il-bilanc tal-prezz a favur l-attrici kemm-il darba ma jircevux cekk ta' Eur 2000 ghall-oggetti nieqsa.

Fis-seduta ta7 ta' rar 2023, xehdet l-attrici in konro ezami li tichad illi hija kienet qalet lill-konvenuti li riedet tbiegh id-dar kollha minghajr dryer. Ix-xhud tghid illi hija insistiet illi ser tbiegh id-dar bl-ghamara u tghid illi kienet semmiet li ser tieghu d-dryer ghax propju din kienet fil-kcina.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-fatti ta' din il-kawza jiriggwardaw oggetti u ghamara li kienu jiffurmaw parti minn fond illi l-attrici bieghet lill-konvenuti u li dawn ta' l-ahhar ippretendew li jsibu hemm meta ghamlu l-kuntratt u dahlu god-dar li xtraw. Dan kollu huwa ibbazat fuq il-fatt illi fid-diskussjonijiet ta' qabel il-bejgh l-attrici dejjem semmiet illi l-fond ser jinbiegh *fully furnished*. Minbarra dan, hemm il-fatt ukoll illi fil-kuntratt ta' vendita hemm imnizzel illi (Fol.34) "*Inkluz f'dan il-bejgh hemm xi ghamara u mobbli ezistenti fil-propjeta, bil-prezz addizzjonali ta' ghoxrin elf Ewro (Eur 20,0000) li qieghed jithallas issa fuq dan il-kuntratt*."

Illi fil-mument illi l-konvenuti (xerrejja) dahlu fil-post huma raw li kien hemm oggetti li kienu raw fil-*viewing* u li ma kienux ghadom hemm. Min-naha taghha l-attrici tghid illi dawn mhumiex ghamara izda oggetti personali li kellha kull dritt li tiehu maghha.

Illi minkejja dan, l-attrici kellha thallas l-ammont ta' Eur 2000 biex ikun jista jigi rilaxxat il-bilanc tal-bejgh dovut lilha fuq il-kuntratt, bhala kumpens ghal dawn l-oggetti neqsin. Dan il-hlas sar taht protesta u anke minhabba illi l-attrici ma setghetx taghmel mod iehor ghaliex kellha bzonn il-flus tal-bejgh.

Illi ma hemmx kontestazzjoni tal-fatti spece f'dan il-kaz izda z-zewg partijiet huma diametrikament opposti dwar l-interpretazzjoni taghhom ta' dak li kellu jithalla fil-fond mibjugh a bazi ta' klawsoli bhal dik imnizzla fil-kuntratt u frazijiet ohra bhal "fully furnished" li intqalu waqt id-diskussjonijiet.

Illi primarjament dan it-Tribunal ser jezamina jekk hemmx bazi ghall-mertu ta' din il-kawza stante illi l-konvenuti ecceppew illi il-hlas ta' Eur 2000 mill-attrici sar b'mod volontarju u liberu u ghaldaqstant ma hemm l-ebda lok ghal talba ta' rifuzjoni.

Illi f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ma jsib l-ebda diffukulta biex jifhem mill-ewwel illi il-liberta u l-volontarjeta tal-hlas mill-attrici huwa monk mill-fatt illi l-attrici ghamiltha cara, sahanistra anke fil-ftehim li ipprezentat lill-konvenuti, illi l-hlas ta' Eur 2000 kien qed isir taht protesta u b'riserva ghal kull dritt spettanti lilha. Il-konvenuti ghaldaqstant kienu jafu illi l-attrici mhux taqbel ma' dan il-hlas u kienet qed taghmlu minhabba li giet kostretta a bazi ta' cirkostanzi fosthom il-kundizzjoni tal-konvenuti stess illi jekk ma jsirx dan il-hlas ma kienux ser jghaddu l-bilanc dovut tax-xiri tal-fond. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi anke kieku ma kienx hemm il-kitba li l-hlas attrici kien taht protesta, il-fatt illi l-konvenuti hadu vantagg mill-fatt illi kien ghad kellom il-bilanc ta' fond li kien ga mixtri b'kuntratt pubblikat, kien ixejjen ghal kollox il-liberta u l-volontarjeta tal-hlas attrici.

Illi l-konvenuti jargumentaw illi d-dikjarazzjoni pprezentata mill-attrici tal-hlas ta' Eur 2000 taht protesta mhux iffirmat minnha. Il-konvenuti fix-xhieda taghhom jikkonfermaw illi kienu jafu u ifirmaw ghal fatt illi l-hlas ta' Eur 2000 kien qed isir taht protesta. Sahansitra dan il-fatt gie anke korraborat mix-xhieda tan-Nutar Sean Critien illi ipprezenta tali dikjarazzjoni ghal firma lill-konvenuti. Ghaldaqstant hija tal-fehma tat-Tribunal illi l-konvenuti accettaw illi l-hlas li kien qed isirilom ta' Eur 2000 seta jigi kontestat ghaliex il-kliem fuq id-dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni taghhom tal-hlas kien car.

Illi allura sorvalati dawn l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, dan it-Tribunal irid jezamina jekk l-ammont imhallas mill-attrici ta' Eur 2000 huwiex dovut jew le.

Illi ghandha l-ewwel tigi ezaminata l-klawsola imnizzla fil-kuntratt illi parti mill-prezz tal-bejgh u cioe Eur 20,000 kien qed jigi attribbwit ghal ghamara u mobbli li kellhom jithallew fil-fond. Mill-provi migbura, partikolarment minn dak li xehedu iz-zewg nutara u cioe li kienet prassi illi din il-klawsola titnizzel meta l-fond li jkun ser jinbiegh ikun *furnished,* kif ukoll minn kif xehedu l-konvenuti, illi din giet deciza dak il-hin waqt id-diskussjonijet ghand in-nutar, il-klawsola ta' 20,000 tixbah iktar il-prassi illi galdarba ser ikun hemm l-ghamra inkluza allura parti mill-prezz jinqasam ghal dan il-ghan. Fil-fatt ma giex specifikat xejn fiex tikkonsisti din l-ghamara jew il-mobbli imma stante illi il-fond kien ser jinbiegh furnished il-partijiet qablu li l-ghamra u l-oggetti mobbli ghandhom jinghataw valur. Dan it-Tribunal ma sab l-ebda rabta bejn il-valur moghti lill-ghamara u l-mobbli fil-kuntratt, ma' dak li qed jigi pretiz u kontestat f'din il-kawza. Din il-klawsola tal-kuntratt, a fini ta' din il-kawza, tkompli tikkonstata illi l-fond inbiegh bl-ghamra u b'diversi oggetti mobbli.

Illi ghaldaqstant jibqa jigi determinat x kellu jibqa fil-fond mibjugh u jekk dak li l-konvenuti ma sabux fil-fond minn meta kienu rawh fil-viewing hux gustifikat fl-ammont ta' Eur 2000 mitluba mill-attrici bhala rifuzjoni.

Illi dan it-Tribunal ga ezamina l-fatt ta' kif l-attrici ghaddiet il-pagament ta' Eur 2000 lill-konvenuti u c-cirkostanzi ma dak il-hlas. Fix-xhieda migbura dan it-Tribunal ma giex prezentat bi stejjem jew ircevuti ta' dak li l-konvenuti kellhom jonfqu sabiex jiggustifikaw il-bazi taghhom ta' kif waslu ghall-ammont ta' Eur 2000. Fil-fatt dan l-ammont ta' Eur 2000 huwa ibbazat biss fuq xi prezzijiet li huma raw jew sahansitra jallegaw li xtraw minn hwienet li jbieghu oggetti ga uzati.

Illi ghaldaqsant it-Tribunal huwa tal-fehma illi, f'din il-kwistjoni jezistu diversi nuqqasijiet min-naha tal-konvenuti fosthom illi;

- ma jezisti l-ebda inventarju jew elenku ta' dak kollu li kien qed jinbiegh mad-dar u dan jaghmel il-linja ta' difiza tal-konvenuti batuta,
- ma ngabu l-ebda ircevuti jew stejjem ta' dak li kellu jinxtara mill-konvenuti biex ghall-inqas dan it-Tribunal jifhem xi spejjez kellhom jinkorru l-konvenuti a bazi ta' dak li ttiehed mill-attrici,
- ma gietx prezentata stima ta' kemm jiswew l-oggetti imnizzla u pprezentati bhala nieqsa mill-fond mixtri.

Illi ezaminat dan kollu, min-naha l-ohra dan it-Tribubal jifhem il-frustrazzjoni tal-konvenuti illi minkejja illi kien qed jinbiegh lilom post *fully furnished*, sabu illi diversi oggetti kienu ittiehdu mill-attrici taht il-premessa illi dawn huma oggetti personali. Dan it-Tribunal ma jaqbel xejn ma' l-attrici illi oggeti bhal mirja, televizjoni, ceiling fan, stainless steel bin, u mejda u sigijiet tal-gnien jisghu jitqiesu bhala oggetti personali.

Illi l-attrici fl-affidavit taghha tammeti illi hadet anke affarijiet li huma meqjusa bhala ghamara u fil-fatt kienet lesta li taghtihom lura lill-konvenuti. It-Tribunal ma jaqbilx ukoll meta l-attrici tghid illi l-oggetti

10 u 11 ma kienux inkluzi fil-prezz tal-bejgh, ghaliex ma hemm xejn li juri dan la fil-kuntratt u lanqas f xi skrittura ohra.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal jifhem, anke fuq ammissjoni ta' l-attrici stess, illi ittiehdu oggetti li kellhom jibqghu fil-fond mibjugh izda fl-istess waqt huwa rianfaccat mill-fatt li m'ghandu l-eda stima, prezz jew valur marbut ma' l-oggetti reklamati bhala neqsin minn gol-fond. Illi finalment it-Tribunal irid jiddeciedi fuq il-provi migjuba quddiemu u ma jistax jaghmel *fact finding mission* huwa stess jew jaghmel xoghol li kellu jaghmel il-konvenut.

Fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April, 2007 ġie ritenut hekk: "*irregola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor').*"

Fl-istess decizjoni jinghad ukoll illi, "*Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jideciedi iuxta allegata et probate, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat.*"

Illi fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet min-naha tal-konvenuti u tal-fatt illi il-pretiza attrici hija bbazata fuq il-fatt illi hija trid tigbor lura l-hlas ta' Eur 2000 li hija hallset taht protesta u ghax kienet kostretta mill-konvenuti sabiex tircievi l-bilanc tal-prezz tal-bejgh, dan it-Tribunal sejjer jilqa t-talba attrici.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din it-Talba billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont ta' elfejn Ewro (Eur 2000) bl-imghax ta' 8% li jibda jiddekkorri mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettivi. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandom jithallsu mill-konvenuti.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur